# Il-Protestantiżmu u l-Floriana

*Kitba ta' Nigel Holland*

Meta wieħed jifli l-istorja tal-Floriana minn mindu bdiet il-ħakma Ingliża f'Malta sa żminijietna, ma jistax ma jiġix, minn ħin għall-ieħor, wiċċ imb'wiċċ mal-preżenza tal-Protestantiżmu fil-lokalità tagħna li f'ċerti mumenti kienet anki qawwija ħafna.

Il-Protestantiżmu, li ġie f'Malta mal-Ingliżi, għal ħafna snin għex trankwillament fil-Floriana, sostnut mill-eluf ta' suldati Ingliżi stazzjonati fil-lokalità, id f'id mal-Kattoliċiżmu tal-poplu Furjaniż li, bħall-bqija tal-poplu Malti, kien marbut b'mod prattikament assolut mal-knisja ta' Ruma.

**Biża' mill-Protestanti**

Dan ma jfissirx li l-knisja Kattolika Maltija ma beżgħetx li titlef xi ħadd mill-merħla li jaqleb għal mal-Knisja Anglikana, iċ-Church of England, jew xi denominazzjoni Protestanta oħra, u fil-fatt kien hemm każi relattivament rari fejn dan sar ukoll. Hemm ħjiel li din il-biża' kienet teżisti anki fil-Floriana tant li f'dikjarazzjoni ġuramentata ffirmata minn 535 persuna (b'ħadd minnhom ma jkun mill-Floriana u, għandi nifhem, biex tidher imparzjali) fl-20 ta' Marzu 1843 biex isostnu deċiżjoni tas-Sagra Congregazione li l-Floriana ssir parroċċa ntqal li, filwaqt li Kappillan Anglikan kellu r-residenza tiegħu fil-Floriana, is-subborg b'popolazjoni ta' 7,000 ruħ kien qed jiġi moqdi minn 'un sacerdote mercenario' ('qassis merċenarju') presumibilment b'riferenza għall-kurat delegat għal Floriana mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata *1 ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt li tagħha l-Knisja ta' San Publju tal-Floriana kienet viċi-parroċċa.

Dan il-Kappillan Anglikan li saret riferenza għalih wisq probabbli li kien ir-Rev. J.T.H Le Measurier li, meta flejt ir-reġistri elettorali, sibt li kien joqgħod f'No. 10, Piazza Sarria *2 (illum Triq Sarria) u dan jista' jiġi kkonfermat mill-kitba ta' Giovanni Faure li, meta rrakkonta l-mewt ħesrem tal-Gvernatur Sir Thomas Maitland wara li wasal Malta minn Corfu' fis-17 ta' Jannar, 1824, jgħid li hekk kif Maitland wasal hawn mar jagħmel żjara '... il Furjana fid-dar tal-ħabib tiegħu Rev. Le Mesurier *3, cappillan tal-protestanti, li kien jokghod f'tal-balliu ma genb il Cnisja ta Sarria; u ġara li fi ftit tal ħin miet f'dakka.'*4

Minn diversi sorsi, issa nafu li dan il-Kappillan tal-Protestanti għex fil-Floriana għal żmien twil mhux ħażin.

Intant, ta' min jinnota li d-dikjarazzjoni msemmija fuq kienet iffirmata minn professjonisti, għalliema, negozjanti u nies oħra tal-hekk imsejħa klassijiet għolja ta' Malta ta' dak iż-żmien, *5 u l-fatt li semmew din il-kwistjoni tar-residenza ta' Kappillan Anglikan hija indikazzjoni li t-theddida ta' influwenza Protestanta fuq il-poplu Furjaniż, li magħha setgħet iġġib xi konverżjoni wkoll, kienet meqjusa u użata bħala arma potenti biex tikkonvinċi l-awtoritajiet ekklesjastiċi biex ma jerġgħux lura mid-deċiżjoni tagħhom li l-Floriana ssir parroċċa indipendenti minn dik tal-Belt minħabba li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata Pawlina baqa' sal-aħħar jopponi u jiġġieled kontra din is-separazzjoni. *6

***Storbju waqt funeral ta' Protestant Malti***

Jidher li l-Maltin setgħu jaslu biex jittolleraw, anki b'ammont ta' ostilità, il-preżenza fostna ta' reliġjonijiet oħra dment li ma jidħlux fl-għalqa tagħhom u jipprovaw jikkonvertu lil xi wieħed minn ulied San Pawl lejn it-twemmin tagħhom.

Inqalgħu diversi inċidenti serji u vjolenti kull meta ministri Protestanti ttantaw ilaqqgħu xi sezzjoni tal-poplu għal xi priedka, taħdita jew sessjoni ta' tagħlim.

Imbagħad meta xi Malti ażżarda jiċħad it-twemmin li kien twieled u tgħammed fih biex jissieħeb ma' xi denominazzjoni Protestanta r-riperkussjonijiet kienu ferm u ferm akbar.

Każ partikolari li jixħet dawl fuq dan huwa l-funeral ta' Malti li kien sar Protestant, liema funeral kien beda l-Belt u spiċċa l-Floriana u li tul it-triq tiegħu ma rax ħlief xeni ta' għajb minn poplu li għandi nifhem li ġenwinament kien qed jaħseb li qed jiddefendi l-fidi tiegħu.

Dan il-każ ġara f'Awwissu tal-1826 u l-funeral ta' dan il-Protestant Malti beda mill-Belt akkumpanjat l-ewwel minn mijiet, imbagħad minn eluf, ta' nies li bdew jgħajtu, isaffru u jwerżqu bi protesta sakemm spiċċaw igaraw il-ġebel u pprovaw jaħtfu t-tebut. Funeral li tneżża' kompletament mid-dinjità li s-soltu jkun hemm f'okkażjonijiet simili.

Bi tbatija, il-proċessjoni waslet il-Main Guard u ntalbet il-protezzjoni tas-suldati u biex kompliet kellhom jiġu skjerati fuq kull naħa tagħha bl-azzarini armati bil-bajunetti. Iżda lanqas dan ma qata' qalb il-poplu għax il-vjolenza kompliet tiżdied.

Kif għaddew mill-bibien tal-belt (Porta Reale) fi triqithom lejn il-Floriana, dawn (il-bibien) ingħalqu għal fuq il-folla, iżda xorta waħda sgiċċaw xi mitejn jew tliet mija mal-proċessjoni nnifisha u fi ftit ħin ingħaqdu magħhom oħrajn mill-viċinanzi *7 u allura għandi għalfejn naħseb li hawn daħlu fix-xena l-Furjaniżi.

L-istorja baqgħet sejra sal-aħħar nett għax in-nies daru maċ-ċimiterju tal-Protestanti tal-Floriana u baqgħu jgħajtu u jwerżqu anki waqt li kien qed isir it-talb tad-dfin. *8

Hawnhekk tidher l-intolleranza reliġjuża fl-eqqel brutalità tagħha għax lanqas fil-mewt ma ħelsitha lil dan il-proxxmu. Il-Maltin, li huma magħrufa għal kemm huma sentimentali quddiem il-mewt ta' xi ħadd u kemm jgħożżu l-mejtin tagħhom, tant kienu mogħmija b'fervur hekk imsejjaħ reliġjuż li lanqas ċirkostanza traġika bħall-mewt ma żammithom milli jesprimu l-għadab sħiħ tagħhom lejn wieħed minn ħuthom li ċaħad il-fidi. Veru li kienu żminijiet oħra u meta wieħed iqis li din il-ġrajja ġrat 26 sena biss wara li l-Protestanti Ingliżi rifsu Malta wieħed jista' jifhem li l-Maltin kienu mbeżżgħin li maż-żmien aktar minn ħuthom setgħu jitilqu mill-merħla Kattolika.

***Il-Metodisti fil-Floriana***

Intant, il-preżenza Protestanta fil-lokalità tagħna kompliet tikber meta fit-18 ta' Marzu, 1883, fetħet fil-Floriana l-knisja tal-Metodisti, magħrufa dak iż-żmien bħala l-Wesleyan Church *9 għal John Wesley, il-fundatur ta' din il-fergħa tal-Anglikaniżmu li mbagħad saret knisja Protestanta separata.

Il-Metodiżmu f'Malta u l-Floriana saru sinonimi tant li ktieb maħruġ mill-Knisja Metodista ta' Malta fl-1963, miktub minn Eric H. Fawthrop, kien intitolat 'The Floriana story : being an account of Methodism in Malta' u l-istess awtur fid-daħla tal-kiteb jgħid 'We, to whom the word "Floriana" has come to mean so much ...'.

Għalhekk għall-Metodisti l-Floriana kienet tfisser ħafna u kienet iċ-ċentru tal-attivitajiet tagħhom.

Iżda qabel ma nfetħet din il-knisja, il-Metodisti kienu ġa qed iwettqu l-ħidma tagħhom fil-Floriana meta fl-1871 ittrasferew din il-ħidma fost in-nies tas-Servizzi Ingliżi mill-Belt għal Piazza Maggiore fil-Floriana fejn waqqfu s-Soldiers' and Sailors' Home li aktar tard kien okkupat mis-Salvation Army 9, denominazzjoni Protestanta oħra li nitkellmu fuqha wkoll aktar 'l isfel.

Dan il-bini llum huwa okkupat mill-Awtorità tad-Djar u Piazza Maggiore maż-żmien sparixxiet għax quddiem dan il-bini telgħet binja ġdida u din il-pjazza spiċċat triq u ssemmiet għal Pietro Floriani.




*Il-Bini tas-Salvation Army*

B'żjieda ta' attività u żvilupp intens ma damx ma għadda wisq żmien li anki dan il-bini nħass inadegwat u filwaqt li l-attivitajiet ta' matul il-ġimgħa kienu kkonċentrati fuq is-Soldiers' and Sailors' Home, is-servizzi tal-Ħadd kienu jinżammu fil-post magħruf bħala "The Recreation Room" fil-Floriana Parade Ground (illum l-Arena tal-Indipendenza) u fit-tarzna.

Mhix għaldaqstant sorpriża li diversi ministri tar-reliġjon Metodista ħadmu bis-sħiħ biex jakkwistaw sit għall-Knisja Metodista b'xi bini ieħor magħha. Madwar l-1875 kien deċiż li jiġi akkwistat sit idealment qrib l-iStazzjon tal-Ferrovija tal-Floriana li fil-fatt huwa s-sit tal-lum fejn eventwalment telgħet il-Knisja tal-Metodisti.

Għal numru ta' snin, iżda, l-awtoritajiet militari Ingliżi ma kinux lesti li jikkonċedu dan is-sit u fl-1880 ġie offrut sit maġenb l-iSptar Ċentrali Ċivili (illum il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija), fil-Floriana stess.

Qabel, iżda, ma seta' jibda jsir xi ħaġa fuq dan is-sit, saret mill-ġdid offerta sorprendenti lill-Metodisti biex jekk ridux, fuq kollox, jaċċettaw is-sit ta' ħdejn l-istazzjon tal-ferrovija u dawn naturalment ħatfuha.

Ma setax jonqos li bini ta' Knisja Metodista ma kienx ser joħloq inkwiet fost il-popolazzjoni lokali u l-proposta ġiet ikkritikata bil-qawwa tant li anki saret petizzjoni kontra l-bini tagħha l-aktar minħabba li wieħed mill-għanijiet dikjarati tal-Metodisti kien li l-knisja kellha "tkun il-mezz għat-tixrid fost il-poplu tal-Vanġelu pur li darba ppriedka l-kbir Appostlu tal-Ġnus fuq dawn ix-xtajta".*10 Provokazzjoni akbar minn din fil-konfront tal-kleru u l-poplu Kattoliku Malti, ulied l-istess Appostlu tal-Ġnus, ftit setgħet titlissen!

Minkejja din l-oppożizzjoni, iżda, il-proġett baqa' miexi sakemm ġie inawgurat, kif għidna, fl-1883.

L-attività tal-Metodisti tant kompliet tikber li fl-1907 inkiseb permess biex tinbena dar ġdida għas-suldati u l-baħrin maġenb il-knisja tagħhom. (Ritratt fuq) Din id-dar, li llum hija d-Dar tal-Anzjani, kienet magħrufa bħala l-'Connaught Home for Soldiers and Sailors' jew sempliċiment il-'Connaught Home' u tlestiet f'qasir żmien b'Field Marshal l-Altezza Rjali Tiegħu id-Duka ta' Connaught, K.G., K.T., K.P., G.C.B., G.C.M.G., G.C.I.E., G.C.V.O.,



Kummissarju Għoli u Kap Kmandant tat-Truppi Ingliżi fil-Mediterran iqiegħed il-ġebla kommemorattiva fis-26 ta' Marzu, 1908. *11

Fil-Knisja tal-Metodisti kienu jiltaqgħu diversi gruppi, speċi ta' fratellanzi, li kienu jissejħu 'fellowships', u fost dawn kien hemm anki l-Floriana Fellowship. Qed nitkellmu hawn għall-ħabta tal-1959. *12

Maż-żmien ukoll, u mill-anqas għall-ħabta tal-1972 u ftit qabel ma għalqet, kif għad naraw aktar 'l isfel, il-Knisja tal-Metodisti kienet miftuħa wkoll għal denominazzjonijiet Protestanti oħra, partikolarment il-Battisti, Kongregazzjonalisti u Denominazzjonijiet tal-Knejjes ħielsa oħra.

### *Tant qrib u tant 'il bogħod*

Minkejja din l-attività kollha mill-Metodisti fil-Floriana, ma jidhirx li din ħalliet xi impatt fuq il-Furjaniżi li Kattoliċi kienu u Kattoliċi baqgħu, mija fil-mija.

Il-Professur Oliver Friggieri, fid-daħla għall-ktieb ċelebri tiegħu 'Fjuri li ma jinxfux : tifkiriet, 1955-1990' jirrakkonta 'Ftit passi biss



Il-Knisja tal-Metodisti

'il bogħod konna niġu wiċċ imbwiċċ mal-knisja tal-Metodisti, viċin l-Argotti. Konna nisimgħu lill-Metodisti Ingliżi jkantaw, b'ordni kbira, b'eżattezza li aħna fil-knejjes tagħna qatt ma stajna nikkompetu magħha. Distanza bejn nies tan-Nord u nies tas-Sud. Imma xorta waħda konna nibqgħu għaddejjin u nisimgħuhom minn barra, u nammirawhom bil-moħbi u bla kliem. Kienu Metodisti.'*13

Dan ir-rakkont iqaxxar ir-relazzjoni bejn il-Furjaniżi Kattoliċi u l-Protestanti Ingliżi ta' ġo nofshom, għallinqas fejn tidħol ir-reliġjon – ħjiel ta' ammirazzjoni silenzjuża mħallta mas-suspett tradizzjonali tal-Maltin fil-konfront ta' reliġjonijiet oħra, kollox fi sfond ta' distakk reliġjuż kważi totali bejn it-tnejn ... tant qrib xulxin u fl-istess ħin tant il bogħod.

Il-preżenza Metodista fil-Floriana damet għal 90 sena sħaħ sakemm intemmet f'Jannar tal-1973 meta l-knisja ttieħdet lura mill-Gvern Laburista għax il-komunità Metodista ma felħitx tħallas ċens ogħla. *14

***Jaslu wkoll is-Salvation Army***

Rajna li fl-1907 l-Metodisti kienu bnew il-Connaught Home għas-suldati u l-baħrin u sakemm seħħ dan l-iżvilupp kienu baqgħu jżommu d-dar f'dik li kienet Piazza Maggiore iżda telquha malli beda jiffunzjona l-post il-ġdid.

Minflokhom daħlu s-Salvation Army u b'hekk fil-Floriana tfaċċat denominazzjoni Protestanta oħra biex tiżdied malli kien hemm.

Is-Salvation Army kienet twaqqfet f'Londra fl-1865 fuq il-mudell tal-Knisja Metodista, iżda b'regoli militari. *15

Ġa għidna wkoll li l-bini okkupat mill-Metodisti u aktar tard mis-Salvation Army huwa dak fejn illum hemm l-uffiċini tal-Awtorità tad-Djar u għadni niftakar l-ittri kbar 'The SALVATION ARMY' miżbugħin fuq il-ħajt u nieżlin it-tul tal-pilastri ta' dan il-bini fuq iż-żewġ naħiet tal-kantuniera ta' Triq Pietro Floriani ma' Triq l-iMħażen u fuq il-faċċata miżbugħin ukoll l-ittri kbar 'NAVAL & MILITARY HOME'.

Is-Salvation Army damet twettaq il-ħidma tagħha mill-Floriana fuq medda twila ta' 72 sena u din il-ħidma ntemmet mat-tluq tas-servizzi minn Malta fl-1979 billi l-membri tagħha kienu biss persuni tas-Servizzi Ingliżi. *16

***Ċentri tal-Kattoliċi Ingliżi jikkontrastaw dawk Protestanti***

Jekk il-Protestanti ħadmu qatigħ biex ikollhom ċentri fil-Floriana fejn iwettqu l-ħidma reliġjuża u soċjali tagħhom, il-Kattoliċi Ingliżi jidhru li xejn ma qagħdu lura u nafu li sa mill-1905 kien diġà jeżisti ċentru ta' rikreazzjoni Kattoliku għas-suldati u l-baħrin Ingliżi bl-isem ta' Catholic Soldiers & Sailors Institute. Dan iċ-ċentru kellu l-barka uffiċjali wkoll mill-ogħla awtoritajiet Ingliżi tant li naraw li, per eżempju, li l-Ġimgħa, 17 ta' Frar u s-Sibt, 18 ta' Frar, 1905, saret attività fuq jumejn fil-Garrison Gymnasium, il-Belt (fejn illum hemm il-Bank Ċentrali) taħt il-patroċinju ta' xejn anqas mill-Gvernatur innifsu u l-Amirall Sir Compton Domville b'risq l-istess ċentru Kattoliku tal-Floriana *17 li, iżda, għadni ma skoprejtx f'liema parti tal-Floriana kien jinsab.

Bħallikieku l-Kattoliċi Ingliżi riedu jikkontrastaw il-ħidma tal-Metodisti fost in-nies tas-Servizzi



*Il-Knisja tal-Immakulata (Sarria)*

mill-qrib, proprju faċċata u kważi fuq l-għatba tal-Metodisti, sa mill-anqas l-1940 kienu jsiru diversi funzjonijiet reliġjużi għall-Kattoliċi Ingliżi, eżattament fil-Knisja ta' Sarria, *18 u maż-żmien f'din il-knisja kien ġie organizzat ċentru għall-membri Kattoliċi tal-forzi armati Ingliżi stazzjonati f'Malta.

Fl-1957, per eżempju, insibu li kull xahar kien isir servizz reliġjuż, bil-priedka u l-Benedizzjoni, fil-Knisja ta' Sarria, għal dawk il-Kattoliċi ta' lingwa Ingliża. Din l-attività reliġjuża jidher li kienet tiġi organizzata min-Knights of St Columba li fl-istess żmien kienu jorganizzaw il-laqgħa ta' kull xahar tagħhom fil-qrib ukoll, proprju fil-kwartieri ġenerali tal-Boy Scouts. *19

In-Knights of St Columba, li għadha teżisti sal-lum, hija l-akbar organizazzjoni Kattolika tax-xorta tagħha fir-Renju Unit b'eluf ta' membri, twaqqfet fl-1919 u tgħid li hija ddedikata lejn il-prinċipji tal-Karità, Għaqda u Fraternita'.

Huwa ovvju li din l-organizzazzjoni Kattolika xterdet ukoll f'postijiet fejn kien hemm preżenza Ingliża u għaldaqstant kellha anki fergħa f'Malta *20 fi żmien il-ħakma kolonjali Ingliża fuq il-gżira.

### *Il-Gospel Hall, il-Knisja Evanġelika Battista u l-Victorius Life Church*

Il-preżenza Protestanta fil-Floriana kompliet toktor meta nfetaħ il-Gospel Hall f'Numru 6, Pjazza Filippo Sceberras (illum 88, Triq il-Kapuċċini). Dan iċ-ċentru Protestant kien ġa beda jwettaq il-ħidma tiegħu mill-anqas sa mill-1957 *21 u baqa' mill-anqas sal-1972. Il-membri tiegħu kienu jaħdmu biex jikkonvertu n-nies lejn it-twemmin Protestant billi anki jqassmu fuljetti fi djar.

Ovvjament din il-kitba kienet tiġi kkontrastata minn ambjenti tal-Knisja Kattolika Maltija. *22

Il-Gospel Hall inbidillu ismu aktar minn darba u fost dawn insibu, sa ftit snin ilu, il-Knisja Evanġelika Battista (li llum tinsab Ħal-Qormi) u issa dan il-post qed iġib l-isem ta' Victorius Life Church, iżda xorta waħda huma kollha denominazzjonijiet Protestanti.

### *Iċ-ċimiterju tal-Ingliżi*

U x'konferma akbar hemm għall-preżenza qawwija Protestanta fil-Floriana mill-fatt li, minbarra ċentri u knejjes, saħansitra kellhom lok, li ġa aċċennajna għalih aktar 'il fuq, fejn jidfnu l-għeżież tagħhom biex dawn tassew jibqgħu fostna!

U hawn qed nirreferi għall-Msida Bastion Historic Garden li fl-imgħoddi kien magħruf bħala Msida Bastion Cemetery. Wara proġett ta' restawr li kien imniedi minn Din l-Art Ħelwa kien ingħata l-isem ta' Msida Bastion Garden of Rest jew Il-Ġnien għall-Mistrieħ sakemm f'dan l-aħħar żmien ingħata l-isem ta' Msida Bastion Historic Garden. Ix-xogħol ta' restawr sar fuq perjodu ta' tmienja jew disa' snin u tlesta fis-sena 2000.

Din l-Art Ħelwa tant għamlet xogħol tajjeb ta' restawr f'dan iċ-ċimiterju li ġie mibdul fi ġnien sabiħ, li għalih ingħatat l-ogħla rikonoxximent tal-Europa Nostra - il-midalja tal-fidda– fl-2002.

Illum iċ-ċimiterju ma jintgħarafx minn kif kien qabel ma ħadet ħsiebu Din l-Art Ħelwa, meta kien fi stat ta' vandaliżmu u abbandun totali. Dan iċ-ċimiterju fil-fatt kien ukoll l-ewwel



*Iċ-Ċimiterju ta' Braxia*

ċimiterju tal-Ingliżi f'Malta u l-fatt li dawn għażlu lil Floriana biex iwaqqfu l-ewwel post ta' mistrieħ ta' dejjem għal qrabathom u ħbiebhom jikkonferma kemm raw fil-Floriana sa minn kmieni, ċentru attraenti għall-ħtiġijiet spiritwali tad-denominazzjonijiet Protestanti varji tagħhom.

Sa minn meta l-Ingliżi kienu għadhom ma ħadux pussess uffiċjali ta' Malta permezz tat-Trattat ta' Pariġi fl-1814 *23 hemm evidenza li ġa minn 8 snin qabel, jiġifieri fl-1806, kien qed isir dfin fis-Sur tal-iMsida ta' membri tal-Komunitajiet Protestanti f'Malta. Is-Sur tal-iMsida jagħmel parti mil-linja ta' fortifikazzjonijiet li ddisinja Pietro Paolo Floriani.

Teżisti kontroversja dwar id-data eżatta meta nfetaħ formalment bħala ċimiterju. Id-dibattitu aktar ħrax minħabba l-fatt li kien hemm żewġ ċimiterji li kienu qed jintużaw fl-istess żmien u dan iktar iħawwad il-bejgħa. Jingħad li Anzjani Furjaniżi kienu jżommu li l-Msida Bastion Cemetery qatt ma kien ċimiterju ġdid iżda estensjoni biss ta' dak li kien hemm fis-Sur tal-Kwarantina.

Magħruf bħala ċ-Ċimiterju tal-Ingliżi, lejn l-1830 l-Msida Bastion Cemetery beda jieħu post iċ-Ċimiterju tal-Kwarantina li kien infetaħ fl-1801 u li ħafna minnu kien tfarrak bil-bombi fit-tieni gwerra dinjija f'April 1942 biex it-tifrik tneħħa snin wara biex jagħmel wisa' għall-Excelsior Hotel. Fil-fatt, dik iż-żona kollha kienet żona tad-dfin għax minbarra dawn iċ-ċimiterji kien hemm ir-Rock Gate Cemetery, l-eqdem wieħed li kien magħruf, dak tal-Kolera u dak tal-Griegi Ortodossi wkoll. *24 Qisu li fil-Floriana kienet inżergħet l-ewwel żerriegħa tal-ekumeniżmu f'Malta għax flimkien mar-residenti Kattoliċi Furjaniżi kellna l-preżenza tal-Protestanti u tal-Griegi Ortodossi, anki jekk dawn tal-aħħar f'sura bla ħajja!

Filwaqt li l-midfuna fl-iMsida Bastion Cemetery kienu predominentement Ingliżi li kienu assoċjati mas-Servizzi u l-amministrazzjoni ċivili kien hemm oħrajn li ma kinux Kattoliċi iżda li kellhom xi jedd li jindifnu hemm.

Jingħad li l-aktar Malti famuż li ndifen fl-iMsida Bastion Cemetery kien Mikiel Anton Vassalli li miet fit-12 ta' Jannar 1829 għalkemm hemm min isostni postijiet oħra. Kien indifen ukoll f'dan iċ-ċimiterju Walter Rodwell Wright, li kien President tal-Qrati tal-Maestà Tagħha fil-gżira ta' Malta u Mażun prominenti li waqqaf il-Loġġa ta' San Ġwann u San Pawl f'Malta u ppresieda l-ewwel Loġġa tal-Mażuni, kif indifnu wkoll Mażuni oħrajn u ħafna personalitajiet importanti oħra.

Fl-1886 kien infetaħ iċ-ċimiterju Ta' Braxia għax tas-Sur tal-iMsida kien kważi mimli kollu u bdiet tidħol it-telqa u l-vandaliżmu. Sal-1990 kien mitluq u baqa' jiddeterjora *25 sakemm ġie salvat u riabilitat minn Din l-Art Ħelwa kif rajna aktar 'il fuq.

Intant, l-iMsida Bastion Cemetery baqa' jintuża bħala ċimiterju tal-Protestanti sal-1856.

***Aktar ikkonvertejna lilhom milli kkonvertew lilna!***

Fil-bidu ta' din il-kitba rrimarkajna fuq il-fatt li kienet teżisti l-biża' li xi Maltin jikkonvertu lejn ir-reliġjon ġdida li ġabu magħhom fi gżiritna l-Ingliżi.

Fil-fatt, iżda, ġara l-kontra u għal kull Malti Kattoliku li seta' qaleb għal mal-Protestanti, kienu l-gżuż il-Protestanti Ingliżi li qalbu u saru Kattoliċi.

U kaġun ta' dan kienet ukoll l-imħabba għax l-aktar li rebħu konvertiti lejn il-Reliġjon Kattolika kienu n-nisa Maltin li serqu l-qlub tas-suldati u l-baħrin Ingliżi.

Fi żmien fejn żwiġijiet bejn nies ta' reliġjonijiet differenti kienet xi ħaġa ftit aċċettabbli, xi ħadd mill-koppja li tkun saret tinħabb kellu jagħmel l-għażla iebsa li jiċħad ir-reliġjon tiegħu biex dik l-imħabba twassal sa fuq l-altar.

U kienet ħaġa kważi impossibbli li xebba Maltija kien ser ikollha l-kuraġġ, kemm minħabba konvinzjoni kif ukoll minħabba ċensura soċjali, li tiċħad apertament ir-Reliġjon Kattolika tagħha għall-imħabba ta' ġuvni Protestant. U allura l-piż kien jaqa' fuq il-ġuvni Protestant li kellu, irid jew ma jridx, isir Kattoliku biex jgħix ħajtu mal-maħbuba Maltija tiegħu. It-tfalja Maltija min-naħa tagħha kienet tirbaħ l-imħabba dejjiema tiegħu wkoll u min-naħa l-oħra l-Knisja Kattolika kienet tirbaħ segwaċi ieħor.

Fil-Floriana dan seħħ ta' spiss u per eżempju jiena niftakar lir-raġel taz-zija ta' missieri, 'Chick' Henwood, u lil Joe Williams li t-tnejn minn Protestanti saru Kattoliċi.

Lanqas irridu naħsbu li kull min qaleb għamel hekk biss għall-konvenjenza għax uħud minnhom saru Kattoliċi mill-aktar eżemplari, bħal dawn li semmejt hawn, u kienu jgħallmuk kif għandek tikkomporta ruħek ta' veru Kattoliku u Nisrani.

L-aktar impressjoni li baqgħet f'moħħi ta' Uncle 'Chick', kif konna nsibuh jiena u ħuti, fil-fatt kien il-mod kif kien jiddeporta ruħu fil-knisja, dejjem in-naħa tal-kappellun tal-Kurċifiss biswit in-niċċa ta' Santa Tereża, bil-missal f'idu, bħalma jiddelettaw l-Ingliżi, isegwi bi skiet u b'attenzjoni u b'devozzjoni sħiħa bħalma jagħmlu wkoll l-Ingliżi fil-knejjes tagħhom.

***Jinbildu ż-żminijiet***

U llum iż-żminijiet inbidlu! Dik li ma rnexxilhiex tagħmel f'għexieren ta' snin il-preżenza Ingliża u Protestanta f'Malta, seħħ f'perjodu relattivament qasir, jiġifieri minn mindu l-Maltin naqsu ħafna mir-reliġjożità jew uħud ħassew li kellhom ifittxu għajn differenti minn dik li twieldu u tgħammdu fiha biex jissodisfaw il-ħtiġijiet spiritwali tagħhom, u llum l-għadd ta' gruppi Nsara li mhumiex Kattoliċi beda joktor b'numru ta' Maltin jissieħbu fihom ukoll.

***Noti u Riferenzi***


*1 Emanuel S. Tonna, Final focus on Floriana : a collection of essays, Malta, 1979, p. 29
*2 The Malta Government gazette., No 1671, Tuesday 31st July, 1849., p. 92
*3 Naħseb li l-verżjoni korretta ta' kunjom il-qassis Anglikan huwa Le Measurier, u mhux kif niżżilha Faure, għar-raġuni li dan hu l-kunjom kif jidher fir-reġistri elettorali tal-epoka li jistgħu jitqiesu bħala dokument uffiċjali.
*4 Giovanni Faure, Li storia ta Malta u Għaudex bil gzejjer tahhom u l-grajjet li saru fihom, Vol. IV, Lombardi, Malta, 1916, p. 194
*5 Emanuel S. Tonna, Final focus on Floriana : a collection of essays, Malta, 1979, p. 28
*6 Ibid., p. 29
*7 Eric C. Fawthrop, The Floriana story : being an account of Methodism in Malta, Methodist Church, Malta, 1963, pp. 9,11
*8 Idem
*9 Ibid., p. 21
*10 Ibid., p. 21-24
*11 Ibid., p. 30
*12 Times of Malta, No. 7,256, Saturday, January 3, 1959, p. 9
*13 Oliver Friggieri, Fjuri li ma jinxfux : tifkiriet, 1955-1990, Klabb Kotba Maltin, Valletta, 2008, p.
*14 Joseph Bezzina, L-istorja tal-Knisja f'Malta, Indipendenza, Malta, 2002, p. 289
*15 Ibid., p. 290
*16 Idem
*17 Joseph Bonnici, Michael Cassar, A chronicle of twentieth century Malta, Book Distributors, Malta, 2004, p. 102
*18 Times of Malta, No. 1,425., Wednesday, March 13, 1940., p. 5
*19 The Sunday Times of Malta, No. 1,861, Sunday, January 6, 1957, p. 12
*20 Joseph Bonnici, Michael Cassar, Malta and British Army infantry regiments, BDL, 2009, p. 56
*21 Ibid, No. 6,638, Saturday, January 5, 1957, p. 9
*22 Costanzo Sapiano, Liema Knisja issalvak? f'Leħen is-Sewwa, Is-Sebgħa u Tletin sena, Il-Ħamis, 4 ta' Frar, 1965, Nru. 4804, p. 2
*23 The year book, 1986, De La Salle Brothers, p. 98
*24 The Msida Bastion Cemetery, Malta : a brief history of the Msida Bastion Cemetery and the research conducted by R.G. Kirkpatrick, Cannon Associates, 1990, pp. 7-8
*25 Ibid, pp. 8-9, 16